24 ta' Jannar, 1955

Imhallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Avukat Dr. Giuseppe Pace *ne. versus* Marietta Annati et.

**Legat Piju — Fondazzjoni ta' Quddies — Immissjoni fil-Pussess — Bejgh — Interess — Sindku Apostoliku.**

*L-Ordni religjuż Frančeskan hu fondat fuq l-"altissima povertà", u l-patrijiet huma inkapači li jirčievu legati. Meta l-fidili jhallu lil dak l-Ordni lasxiti piji, il-patrijiet jaghmlu użu mis-Sindku Apostoliku taghhom, li dejjem irid ikun hemm wiehed f'kull provinčja u f'kull kunvent, u li jigi nominat mill-Provinčjal.*

*Imma s-Sindku Apostoliku jagixxi fl-isem u bl-awtorità biss tal-Papa, u mhux ta' haddiehor, avvolja jkun gie nominat mill-Ministru Generali jew mill-Provinčjal.*

*Il-funzjonijiet tas-Sindku Apostoliku huma erbgha. L-ewwel wahda tirrigwarda lasxiti ta' beni mobili u immobili; it-tieni wahda tirrigwarda, fost affarijiet ohra, ir-rieezzjoni ta' legati li jkunu destinati biex jigu konvertiti f'utilità tal-patrijiet; it-tielet tirrigwarda l-poteri gudizzjali u estra-gudizzjali tas-Sindku Apostoliku; u r-raba' tirrigwarda l-konversjoni tal-lasxiti, in-nelqa taghhom.*

*Ghaldaqstant, jekk jigi mibjugh fond imholli minn testatur li fuq dak il-fond ikun impona fondazzjoni ta' quddies li ghandu jsir mill-patrijiet, is-Sindku Apostoliku ta' dawk il-patrijiet ghandu, fl-eżerčizzju tat-tielet funzjoni tieghu, interess guridiku at-*

*twali li jippromwovi azzjoni biex jiġi annullat dak il-bejgħ biex il-fond jerġa' jidħol fil-patrimonju tat-testatur; u dan sabiex wara jkun jista' jitlob l-immissjoni fil-pussess ta' dak il-legat piju min-għand l-eredi u jipproċedi għall-erezzjoni kanonika ta' dik il-fondazzjoni. U din l-azzjoni huwa jippromwoviha bl-awtorità tas-Santa Sede, li ġiet lilu devoluta bil-fatt stess li hu ġie nominat Sindku Apostoliku.*

*Biex jipproponi l-ġudizzju attwali, jiġifieri dak tar-rivendika tal-fond, is-Sindku Apostoliku għandu interess ġuridiku attwali, għax f'dik il-kwalità tiegħu huwa diġà jinsab awtorizzat "ratione officii" li jippromwovi azzjoni simili. Inkwantu għall-ġudizzju futur, dak jiġifieri biex tintalab l-immissjoni fil-pussess tal-laxxitu piju u l-erezzjoni kanonika tal-fondazzjoni (anki jekk wieħed jgħid li fil-ġudizzju għar-rivendika tal-fond għandu jiġi riċerkat l-interess ġuridiku relativ għall-ġudizzju futur), is-Sindku Apostoliku għandu wkoll interess ġuridiku, provenjenti mit-tieni funzjoni tiegħu fuq imsemmija, meta jkun avvalorat b'rikjesta tal-Kappillan tal-Parroċċa fejn għandu jsir il-quddies, jew mill-Ministru Provinċjali, jew mid-Definitorju tal-Patrijiet, biex huwa jistitwixxi dak il-ġudizzju.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li jippremetti illi fit-testment tiegħu tat-2 ta' Jannar, 1940, (dok. A) fl-atti tan-Nutar E. F. Vassallo, Felice Annati ħalla favur il-konvenuta Annati legat ta' użufrutt tal-fond terran tas-Sliema, Strada San Giovanni Battista numru 89, u dan in kumpens ta' servigi u kuri minnha prestati lit-testatur sal-mewt tiegħu, u bl-obbligu li tħallas l-elemosina ta' żewġ quddisiet baxxi mensili (art. 3 u 4 tat-testment); u illi huwa ordna fondazzjoni ta' quddies li għandha tiggrava fuq il-mezzanin sopran u fuq l-istess terran, it-tnejn numerati rispettivament 89 u 89A, ta' Strada San Giovanni Battista, il-lum St. John the Baptist Street, Sliema, liema fondazzjoni, kwantu għat-terran, kellha tibda wara ċ-ċessazzjoni tal-użufrutt tal-istess Marietta Annati, u kwantu għall-fond sopran mill-mewt tat-testatur, ċjoè mit-2 ta' Marzu 1948; u illi b'att tan-Nutar Mario Bonello tal-11 ta' Ottubru, 1950, (dok. B) il-konvenuta Annati biegħet

lill-konvenut Borg l-imsemmi mezzanin sopran numru 89, għalkemm iddikjarawh bħala 89A., mentri l-istess Annati ma għandha ebda titolu, la ta' proprjetà u lanqas ta' użufrutt, fuq l-istess fond sopran; talab illi, previja kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa, u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti li hemm bżonn, jiġi dikjarat null u ta' ebda effett quddiemu l-kuntratt fuq imsemmi ta' bejgħ, publikat fil-11 ta' Ottubru 1950, u dan sabiex huwa jkun jista' jagħmel il-proċeduri meħtieġa għall-erezzjoni kanonika tal-fondazzjoni ordnata mid-decujus. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju. Il-konvenuti ġew inġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' Marietta Annati, li biha eċċepixxi, preliminarment, illi l-azzjoni mhijiex proponibbli mill-attur, għaliex ma jidherx illi huwa ġie immess fil-pussess tal-legat mill-eredi ta' Felice Annati, u għaliex sal-lum ma jirriżultax illi l-assi ta' Felice Annati ġie likwidat u d-dejn imħallas; u subordinatament, u fil-meritu, illi kollox sar bil-kunsens u bl-awtorizzazzjoni tar-Reverendi Patrijiet, u għalhekk l-azzjoni hi insostenibili. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut John Borg, li biha jesponi illi ma jidherx illi l-attur ottjena minn għand l-eredi leġittimi jew l-eredità ġjaċenti ta' Felice Annati l-immissjoni fil-pussess tal-legat in kwistjoni, għalhekk huwa ma jistax jipproponi l-azzjoni odjerna; illi lanqas jirri l-attur illi l-assi tal-imsemmi Annati ġie likwidat u illi d-djun tiegħu ġew imħallsa, u għalhekk, anki għal dan ir-rigward, l-azzjoni mhijiex proponibbli; u illi subordinatament, u fil-meritu, l-azzjoni tal-attur hi insostenibbli, peress illi kollox sar bil-kunsens u bl-awtorizzazzjoni tal-Kommunità tal-Padri Franċescani tas-Sliema, rappreżentati mill-attur f'din il-kawża. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Ottubru 1954, li biha ddeċediet billi lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur, barra minn dawk tar-rikors tal-konvenut tat-28 ta' Ottubru, 1953, li jibqgħu għakkariku tiegħu; wara li kkunsidrat;

Illi bit-tielet artikolu tat-testment tiegħu tat-2 ta' Jan-

nar, 1910, fl-atti tan-Nutar Dr. Ettore F. Vassallo, Felice Annati halla b'titolu ta' legat lill-konvenuta, mart huh, b'kumpens tas-servigi u tal-kuri li kienet ipprestatlu u li kellha tibqa' tipprestalu sa mewtu, l-użufrutt matul hajjitha tat-terran, li parti minnu kien jappartjeni lill-assi ereditarju ta' martu Concetta, f'tas-Sliema, Strada San Giovanni Battista, numru 89, bhala suġġett ghar-rata ta' ċens ta' 12s. 6d. fis-sena, bl-eżenzjoni mill-obligu tal-inventarju u tal-kawzjoni preskritti mill-ligi, u bl-obligu, skond ir-raba' artikolu tal-istess testment, li matul it-tgawdija tal-imsemmi użufrutt hija ggieghel isiru żewġ quddisiet baxxi kull xahar fil-Parroċċa tas-Sacro Cuor ta' tas-Sliema, b'suffraġju ta' ruhu u skond l-intenzjoni tieghu. Bil-hames artikolu ta' dak it-testment l-istess testatur ordna wkoll fondazzjoni b'suffraġju ta' ruhu u skond l-intenzjoni tieghu, konsistenti fiċ-ċelebrazzjoni ta' tant quddies baxxi kemm jistghu jsiru bir-renta annwa tal-kwoti tieghu mit-terran fuq imsemmi u mill-mezzanin sovrappost ghal dak it-terran, f'tas-Sliema, Strada San Giovanni Battista numru 89A., b'dan illi din il-fondazzjoni, in kwantu kienet tirrigwarda t-terran, kellha tibda wara illi jispiċċa l-użufrutt tal-konvenuta. It-testatur impona din il-fondazzjoni bhala piż reali annwu u matul iż-żmien tal-enfitewsi tal-imsemmija stabili fuq il-kwoti li mill-istess kienu jappartjenu lilu;

Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-istess quddies giet mit-testatur ordnata li ssir fil-Parroċċa tas-Sacro Cuor ta' tas-Sliema, li qieghdha f'idejn ir-Reverendi Patrijiet Minuri Franċeskani. Felice Annati miet fit-2 ta' Marzu, 1948; u xi żmien wara l-mewt tieghu l-konvenuta, permezz tal-Avukat Dr. Depasquale, ippreżentat rikors quddiem il-Kurja Arċiveskovili, li bih, ghar-raġunijiet imsemmijin fih, hija talbet illi tigi lilha moghtija l-fakoltà li tbiegh il-kwota ġa appartenenti lill-imsemmi Felice Annati mill-fond 89A. ġa msemmi, libera din il-kwota mill-fondazzjoni msemmija eretta minn Felice Annati (fol. 34). Dan ir-rikors, li ġie preżentat fil-31 ta' Awissu, 1949, fl-imsemmija Kurja mill-Kappillan tal-Parroċċa tas-Sacro Cuor ta' tas-Sliema, ma mexiex; ghaliex l-awtorità tal-imsemmija Kurja ddikjarat ruhha inkompetenti li tiehu konjizzjoni tie-

għu. U għalhekk, fit-13 ta' Mejju, 1950, il-konvenuta avanzat rikors lir-Reverendu Provinċjal u Venerabbli Definitorju Minuri, li fih, għar-raġunijiet fih imsemmijin, talbet illi tiġi awtorizzata tbiegħ il-mezzanin *numru* 89A. fi Strada San Giovanni Battista (fol. 8);

Fit-12 ta' Lulju, *1950*, il-Venerabbli Definitorju ġa msemmi, "*re bene perpensa, et servatis servandis, pro gratia annuit*"; *jiġifieri biex il-konvenuta* "*eximatur ab onere elargiendi mensiliter elemosynam pro duabus missis lectis nostrae ecclesiae parochiali Sliemae legatis per testamentum quondam Felicis* Annati, diei 2 Januarii, 1940, sub *sua domo* Sliemae sita *in* St. John's Street, 89A., eo fine ut ipsa lucratius possit illam domum venumdare et satisfacere debitis quibus ipsa onerata est" (fol. 19);

Fil-11 ta' Ottubru, 1950, fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bonello, il-konvenuta biegħet lill-konvenut "il-mezzanin *numru* 89A. Strada Giovanni Battista, Sliema, il-lum Triq San Ġwann l-Għammied, tas-Sliema, *bil*-prezz ta' £600", li minnhom il-konvenut ħallas lill-konvenuta fuq l-att £200, u l-bilanċ ta' £400 kellu jħallasulha, bla interessi, f'erbgħa rati, ċjoè £250 "appena tiġi ottenuta l-awtorizzazzjoni għal dak il-bejgħ li sar mis-Santa Sede", u fi tliet rati ta' £50 l-waħda kull sena, dekorribbli mill-awtorizzazzjoni fuq imsemmija. Il-partijiet *kontraenti* ftehmu wkoll illi dak il-bejgħ kellu "*jiġi riżolut f'każ li ma tiġix ottenuta d-debita awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tas-Sacra Congregazione del* Concilio jew *kwalunkwe awtorità oħra* f'kull *żmien kompetenti fis-Santa Sede*, Ruma", li quddiemha, kif ġie *dikjarat*, kienu qegħdin isiru l-pratiki neċessarji;

Illi t-talba ta' l-attur, kif imfissra fin-nota tiegħu ta' l-10 ta' Novembru, 1951 (fol. 26), hi dik li l-Qorti *tiddikjara* null u ta' ebda effett quddiemu l-kuntratt tal-bejgħ fuq imsemmi, biex il-fond mibjugħ jerġa' jidħol fil-wirt ta' Felice Annati, u allura huwa jkun jista' jitlob l-immissjoni fil-legat lill-eredi, jagħmel il-proċeduri meħtieġa għall-erezzjoni kanonika ordnata mid-decujus, u hekk jiġi eżegwit il-legat tal-quddies ordnat mit-testatur;

Illi minn dan li ntqal *jidher* illi t-talba tal-attur hi dik

ta' dikjarazzjoni *preordinata* għal kawża oħra li tista' ssir iżjed il-quddiem. Dan jista' jsir, għaliex fil-ġurisprudenza ġie stabbilit illi mhumiex projbiti fid-Dritt Proċesswali domandi għal *dikjarazzjonijiet li jkunu preordinati* għal kawża oħra, għalkemm dak id-dritt ma jkunx jista' jiġi dedott attwalment, imma fil-futur (Vol. XXXII-I-540); imma biex dan ikun jista' jsir, hemm *bżonn* illi min jagħmel din it-talba juri lill-Qorti b'mod perswasiv illi huwa għandu l-interess ġuridiku mhux biss fl-ewwel azzjoni, dik li fiha jitlob *dik* id-dikjarazzjoni, *imma wkoll fit-tieni azzjoni*, jew dik li jkun irid jagħmel il-quddiem, u li għaliha l-imsemmija dikjarazzjoni minnu mitluba tkun qiegħedha tifforma l-bażi; għaliex, jekk din it-tieni *azzjoni futura tkun inkapaċi li tipproduċi riżultat* vantaġġjuż jew utili lil min jagħixxi, jiġi illi fil-prattika l-ewwel azzjoni ma tkunx ħag'oħra ħlief kwistjoni merament akkademika. *Għalhekk, fil-każ taħt konsiderazzjoni*, l-attur irid jipprova illi huwa għandu nteress biex, f'każ li tiġi annullata dik il-vendita, ikun jista' jagħmel iżjed il-quddiem il-proċeduri minnu *msemmijin iżjed il-fuq*. M'hemmx bżonn jingħad illi l-interess li qiegħed jissemma hu dak ġuridiku, jiġifieri korrispondenti għal leżjoni ta' veru dritt; irid ikun dirett, jew *derivanti minn kawża korrelattiva* għall-persuna li tagixxi, kif ukoll leġittimu u attwali (Vol XXXI-II-91); għandu jissussisti di fronti għall-konvenut li hu magħżul bħala leġittimu *kontradittur tad-domanda* (Vol. XXVII-III-15; XXXII-I-540); u jrid ikun konkret (Vol.XXVIII-II-317; XXXII-II-257). Għalhekk l-attur għandu jipprova illi huwa għandu nteress, *l-ewwelnett*, li jirċievi u jaċċetta l-fondazzjoni ta' quddies fuq imsemmija;

Illi, kif ġa semmu, Felice Amato eriġa l-fondazzjoni ta' quddies ġa *msemmi* biex jiġu ċelebrati fil-Parroċċa tas-Sacro Cuor ta' tas-Sliema, li qiegħedha f'idejn ir-Reverendi Patrijiet Minuri Franġiskani. Il-volontà tat-testatur għandha tiġi rispettata; l-eredi *għandhom* jikkostitwixxu b'att publiku l-ipoteka ordnata mit-testatur fuq il-beni tiegħu b'sikurezza tal-adempiment tal-fondazzjoni (Vol. XXI-II-527), biex tkun tista' ssir *l-aċċettazzjoni* ta' dik il-fondazzjoni, għaliex mingħajr il-kuntratt ta' aċċettazzjoni l-fondazzjoni ma jkollha ebda

sussistenza (Vol. XXII-II-325), billi hu biss bl-aċċettazzjoni illi tinħoloq il-kuntrattazzjoni bilaterali (Vol.XXIX-I-80);

*Apparentement jidher illi l-fondazzjoni għandha tiġi* aċċettata u riċevuta mill-Patrijiet fuq *imsemmijin*; imma l-Ordni li għalih l-istess Patrijiet jappartjenu hu fondat "sulla altissima povertà" (*Costituzioni* Generali dei Frati Minori, para. 288, Ediz. 1930); u huma inkapaċi li jirċievu "legati perpetui, nè perpetue oblazioni" (ibid. para. 307). *Meta l-fidili jħallu* favur l-imsemmija *Patrijiet laxxiti bħal dawn*, huma jistgħu jagħmlu użu mis-Sindku *Apostoliku* tagħhom, li dejjem irid ikun hemm wieħed f'kull Provinċja u f'kull Kunvent (ibid. para. 238), li jiġi nominat mill-Provinċjal (ibid. para. 239), u li hu dik il-persuna li "nomine et auctoritate Sedis Apostolicae adest Fratribus, paecuniam recipit et expendit, atque administrationem juridicam *recipit et expendit*, atque administrationem juridicam *in res* usui Fratrum concessas gerit" (P. Kiliano Kazemberger, O.F.M. — P. Antonius Inglesias, O.F.M., Liber Vitae sew Regulae S. Francisci Expositio, Cap. IV, pag. 101);

*Fost* l-uffiċċji ta' dan is-Sindku Apostoliku hemm ap*puntu dak li "nomine* Papae et *Romanae Ecclesiae omnia* legata et elemosynas pro Fratrum *necessitatibus* relictas, tam paecuniarias quam alias res mobiles sive immobiles, recipiat, in Fratrum *ipsorum* utilitates convertendas, prout eis licet ex Regula vel declaratione Regulae ......" (Liber Vitae, Cap. IV, pag. 119), kif ukoll l-uffiċċju l-ieħor li "*nomine* Papae et *Romanae* Ecclesiae praedicta (*nimirum legata* et elemosynas testamento pro Fratrum *necessitatibus* relictas, tam paecuniarias quam alias *res* mobiles sive immobiles) in judicio contentioso et extra judicium possit petere, exigere..." (ibid.);

*Illi* mhux kontestat illi l-attur hu s-Sindku Apostoliku tal-imsemmija Patrijiet tal-Kunvent *ta' tas-Sliema. Kif ġie* muri lill-Qorti, huwa ġie nominat bħala tali *mill*-Ministru Provinċjal fis-Sitt Sessjoni Definitorjali, miżmuma fit-13 ta' Lulju, 1935. Għalhekk l-attur għandu l-uffiċċji fuq imsemmijin;

Però, is-Sindku Apostoliku, u kwindi l-attur, ma jistax jeżerċita l-ewwel uffiċċju l-fuq imsemmi minn rajh u *kull* meta

*jkun jidhirlu*, imma jista' jeżerċitah biss "sicut et quando a Ministro Generali vel Ministris Provincialibus vel aliis Fratribus de assensu eorumdem Ministrorum fuerit requisitus" (ibid.). L-attur ma ppruvax illi huwa ġie, ahnenu s'issa, mitlub jew rikjest mill-Ministru Provinċjal u l-Venerabbli *Definitorju tal-Patrijiet ġa msemmijin*, u li tagħhom huwa hu s-Sindku Apostoliku, biex jeżerċita dan l-uffiċċju, jiġifieri biex jirċievi u jaċċetta dik il-fondazzjoni; u għalhekk jonqos fih l-interess ġuridiku kif fuq imsemmi, li, kif intqal, fost kwalitajiet oħra għandu jirrivesti dik li jkun konkret; u ladarba *l-attur ma għandux attwalment* l-interess ġuridiku biex jaċċetta u jirċievi l-imsemmija fondazzjoni ta' quddies, huwa lanqas ma għandu dak l-interess għad-dikjarazzjoni minnu mitluba fiċ-ċitazzjoni;

Illi, b'konsegwenza għall-konklużjoni hekk raġġunta, jidher illi jkun barra minn loku f'din l-istanza l-eżami tad-diversi kwistjonijiet sollevati fil-kors tal-kawża;

Rat il-petizzjoni tal-attur nomine, fol. 124, li biha talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija; bl-ispejjeż;

*Omissis*:

*Il-Qorti tal-Ewwel Grad*, wara li kkunsidrat li t-talba attwali tal-attur nomine għad-dikjarazzjoni tan-nullità tal-bejgħ imsemmi fiċ-ċitazzjoni, b'mod li l-*fond* mibjugħ jerġa jidħol fil-wirt ta' Felice Annati, kienet talba preambula għall-ġudizzju futur ta' talba għall-ammissjoni fil-legat, għall-proċeduri tal-erezzjoni *kanonika u eżekuzzjoni* tal-legat ta' quddies ordnat mit-testatur, u wara li kkunsidrat li kien dmir tal-attur nomine li jipprova l-interess ġuridiku relativament, mhux *biss għall-azzjoni preżenti*, imma anki għal dik futura, u wara li kkunsidrat ukoll li l-attur nomine kien għad ma ġiex mitlub mill-Ministru *Provinċjal* u Venerabbli Definitorju tal-Patrijiet Franċeskani ta' tas-Sliema (kif dik il-Qorti rriteniet li kellu jkun) biex jaċċetta u jirċievi *l-fondazzjoni* ta' quddies "*de qua*", *iddeċediet* li kien *jonqos* fl-attur *nomine* l-interess ġuridiku għall-ġudizzju futur fuq imsemmi, u kwindi kien jonqos ukoll fih l-interess *ġuridiku* għall-ġudizzju preżenti preambulu, u konsegwentement ippronunzjat il-liberatorja "ab observantia";

Il-pont devolut lil din il-Qorti hu, għalhekk, limitat għall-kwistjoni deċiża, kif superjorment rikapitolata;

Ikkunsidrat;

Hu ovvju li, jekk l-attur nomine, jew ma għandux bżonn ta' ebda awtorizzazzjoni biex jistitwixxi dan il-ġudizzju u dak futur, jew inkella jekk din l-awtorizzazzjoni ġiet fil-fatt lilu mogħtija, allura l-appell tiegħu hu sostnut;

Ma hemmx dubju li l-fondazzjoni ordnata mit-testatur Felice Annati fit-testment tiegħu fol. 5 hi legat piju, għax l-iskop ta' legat piju hu appuntu "il culto divino o la salute dell'anima" (App. "Wilson vs. Dr. Peralta", 4 ta' April, 1892), u għalhekk il-kwistjoni odjerna hi regolabili bid-dispożizzjoni tas-Santa Sede in materja fid-Dritt Kanoniku (App. "Cassar vs. Scerri", 4 ta' Ġunju, 1894);

Kieku l-attur nomine kien sempliċi amministratur jew prokuratur ta' Kommunità Reliġjuża, ecc., allura ma kienx ikun hemm dubju li kienet tkun meħtieġa l-awtorizzazzjoni formali tad-Djoċeżan, tant skond l-Editt tal-21 ta' Frar, 1864, kemm skond il-kanone 1526 tal-Kodiċi. Infatti, fl-Editt episkopali, adottat kostantement fil-ġurisprudenza lokali (ara P. A. "Nuzzo vs. Caruana" 9 ta' Marzu, 1877, u ara wkoll estratt tad-dispożizzjoni rilevanti riportata in nota fil-Vol. III Kollez. paġ. 498), għal attijiet li ma humiex "nei giro ordinario dell'amministrazione" teħtieġ l-awtorizzazzjoni tad-Djoċeżan; u skond il-kanone fuq imsemmi, hu statwit li "Administratores litem nomine Ecclesiae ne incohent vel contestent nisi licentiam obtinuerint scripto datam Ordinarii loci ........";

Iżda fil-każ preżenti non si tratta ta' amministratur jew prokuratur ta' din ix-xorta, iżda si tratta ta' Sindku Apostoliku; u għalhekk jeħtieġ li wieħed jara x'inhi, mill-aspett ġuridiku, u għall-finijiet tal-vertenza odjerna, il-figura ta' Sindku Apostoliku;

Ma hemmx dubju li, skond il-Kostituzzjoni tal-Patrijiet ta' San Franġisk, karatteristika ta' l-Ordni hi l-akbar povertà, b'mod li l-Ordni ma jista' jkollu ebda proprjetà, la in partikulari u lanqas in komuni (dok. fol. 128 tal-proċess, fil-paġ. 113 tiegħu). Kien għalhekk, ċjoè sabiex, minn naħa waħda, il-

Patrijiet jistgħu jiddedikaw ruħhom pjenament "puram Regulae Seraphicae observantiam, conscientiarum puritatem et quietem", u, minn naħa l-oħra, biex, f'każ ta' laxxiti piji, "pia intentio non fraudatur", li ġie kreat mis-Santa Sede l-uffiċċju ta' "Syndacus Apostolicus", "qui nomine Summi Pontificis et Romanae Ecclesiae administret, vendat, commutet, etc., omnes res, mobiles et immobiles: item expendat elemosynas paecunarias pro Fratum necessitatibus oblatas, legatas, etc. ......" (p. 114 tad-dok. fol. 128). Dan l-aspett, vwoldiri li s-Sindku Apostoliku jagixxi f'isem u bl-awtorità tal-Papa, u ta' ħadd aktar, jinsab kontinwament ribadit, fejn jissemmgħu fir-"Regulae" l-funzjonijiet tiegħu bil-mod l-aktar ċar; tant li jingħad (p. 115-116 tad-dok. fol. 128), li, avvolja s-Sindku jiġi nominat mill-Ministru Generali jew Provinċjali, skond il-każ, eppure din l-għażla mhijiex "Syndaci Apostolici institutio", imma "mera declaratio quod auctoritas Papae ad supradicta in talem personam a se nominatam derivetur"; u jingħad ukoll illi s-Sindku Apostoliku lanqas għandu jitqies "interposita persona aut receptor Fratrum", għax la jiġi kostitwit bl-awtorità tagħhom u lanqas qiegħed jamministra ħwejjeġ tal-Patrijiet, "sed auctoritate ipsius Papae instituitur, et eadam auctoritate ejusque nomine agit quidquid agit":

Issa, x'inhuma l-funzjonijiet tas-Sindku Apostoliku? *Dawn huma erbgħa. L-ewwel waħda (p. 118) tirrigwarda* laxxiti ta' beni mobbli u immobili (li mhux il-każ preżenti): it-tieni waħda tirrigwarda, fost affarijiet oħra, ir-riċezzjoni ta' legati li jkunu destinati biex jiġu konvertiti f'utilità tal-Patrijiet (p. 119); it-tielet tirrigwarda l-poteri ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji tas-Sindku (p. 119); u r-raba' tirrigwarda (p. 120) il-konversjoni tal-laxxiti, in-nefqa tagħhom. Mela, il-funzjonijiet li jirrigwardaw din il-kawża huma t-tieni u t-tielet waħda; vweldiri, it-tieni waħda kwantu għall-ġudizzju futur (aċċettazzjoni tal-legat, erezzjoni kanonika, eċċ.), u t-tielet waħda kwantu għall-ġudizzju attwali (rivendika tal-fond onerat bil-legat):

Issa, żgur li għall-ġudizzju attwali hemm l-interess ġu-

ridiku attwali; għax l-attur nomine, bħala Sindku Apostoliku, digà jinsab awtorizzat "ratione officii" biex jippromwovi ġudizzji simili. Infatti jingħad hekk: "Tertium officium Syndaci Apostolici est quod nomine Papae et Romanae Ecclesiae praedicta (nimirum legata et elemosynas testamento pro Fratrum necessitatibus relictas, tam paecuniarias quam alias res mobiles sive immobiles) in judicio contentioso et extra judicium possit petere, exigere, ......";

Għalhekk, meta b'din l-azzjoni l-attur nomine qiegħed jitlob in-nullità tal-bejgħ tal-fond "de quo", onerat bil-laxxitu piju, hu qiegħed jaġixxi għan-nom u bl-awtorità tas-Santa Sede, liema awtorità ġiet devoluta lilu bil-fatt stess li hu ġie nominat Sindku Apostoliku, u bil-fatt stess li, fost id-doveri tiegħu, hemm appuntu dak fuq riportat bħala "tertium officium";

Kwantu għall-ġudizzju futur (anki jekk wieħed jgħid li għandu jiġi riċerkat f'dan il-ġudizzju preżenti l-interess ġuridiku relativ għall-ġudizzju futur), fir-Regoli jingħad hekk: "Secundum officium Syndaci Apostolici est ut nomine Papae et Romanae Ecclesiae omnia legata et elemosynas testamento pro Fratrum necessitatibus relictas, tam paecuniarias quam alias res mobiles sive immobiles recipiat, in Fratrum utilitates convertendas, prout eis licet ex Regula vel declaratione Regulae, sicut et quando a Ministro Generali vel Ministris Provincialibus vel aliis Fratribus de assensu eorumdem Ministrorum fuerit requisitus";

Issa, jirriżulta mill-provi li, fil-fatt, l-attur nomine ġie mitlub ("requisitus") biex jieħu l-passi neċessarji. Qal infatti l-Kappillan tal-Parroċċa tas-Sacro Cuor, fol. 93 tergo, "...... u għalhekk minn dak inhar stess kellimt lil Dr. Pace, is-Sindku Apostoliku, u ħallejt kollox f'idejh biex imexxi hu" — kliem altru li suffiċjenti biex jintegraw it-talba, sinifikata bil-kelma "requisitus". "Ex abundantia", imbagħad, jista' jiżdied li fol. 132 l-istess xhud qal: "Lil Dr. Pace kellimtu aktar minn darba waħda, u f'dawn l-okkażjonijiet kont fil-kumpannija tal-Ministru Provinċjal tagħna, u aħna t-tnejn tlabnieh biex jagħmel il-kawża. Dr. Pace kien fehemna li din il-kawża kien ser ikollha bħala oġġett li twaqqa' l-kuntratt";

Għalhekk, kwantu għall-ġudizzju attwali, l-attur nomine għandu nteress ġuridiku provenjenti mit-tielet ufficċju tiegħu skond ir-Regoli; u kwantu għall-ġudizzju futur għandu wkoll interess ġuridiku, provenjenti mit-tieni ufficċju tiegħu fuq innsemmi, kif integrat bit-talba tal-Kappillan u tal-Ministru Provinċjal;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell ta' l-attur nomine, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li l-istess attur nomine għandu nteress ġuridiku biex jistitwixxi tant din kemm l-azzjoni li tagħha din hija preambula, u tordna r-rinviju ta' l-attijiet lill-Ewwel Qorti sabiex tiġi prosegwita t-trattazzjoni tal-kawża;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi relativi għal dan l-inċident jitħallsu mill-konvenuti.